MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 1(2011), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar il-Erbgħa, is-26 ta' Jannar 2011, fil-4.30 p.m.

1. **Preżenti** :

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |
| **Segretarju Eżekuttiv** | John Restall |

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Ħlas għas-Sħubija fil-GAL Xlokk
6. Evalwazzjoni u Aġġudikazzjoni tal-Offerti għall-Kuntratt ta' *Construction and Resurfacing Works* f'parti minn Triq iż-Żejtun, f'parti minn Triq San Ġużepp, f'parti minn Xatt is-Sajjieda u f'parti minn Triq il-Wilġa u *Stormwater Crossing* f'Triq l-Imriekeb
7. Proġetti mill-Fondi tal-UIF
8. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
9. Affarjiet Oħra

## 2. Qari tal-Minuti

**2.1** Wara t-talba nqraw il-Minuti tal-laqgħa nru. 14(2010) u dawn ġew approvati.

## 3. *Arising* mill-Minuti

**3.1** Dwar Para. 4.3 (Tindif tar-Riserva tal-Ballut), is-Segretarju Eżekuttiv informa 'l Kunsill li t-tindif kien sar nhar il-Ħadd, id-9 ta' Jannar 2011.

## 4. Korrispondenza

**4.1** Nqrat il-korrispondenza kollha pendenti.

**4.2** Il-Kunsillier Grech ippreżenta żewġ kwotazzjonijiet għall-arblu tal-bandiera tal-Kunsill għall-Pjazza l-Madonna ta' Pompei. Il-Kunsill talab lill-Kunsillier Grech sabiex jakkwista kwotazzjoni oħra sabiex l-evalwazzjoni ta' din l-ispiża tkun konformi mar-regolamenti.

**4.3** Il-Kunsill approva unanimamnent il-kwotazzjoni ta' €507.40 tal-Cleansing Services Directorate sabiex isir it-tindif ta' Triq it-8 ta' Mejju fuq in-naħa ta' wara tal-Binja Ħal Ġinwi.

**4.4** Il-Kunsillier Pomroy informa 'l Kunsill li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien approva €4000 mill-fondi li kien applika għalihom sabiex issir l-attivita' "Mir-Raħal is-Sajjieda" f'Ġunju 2011. Il-Kunsill approva unanimament li joħroġ €4000 addizzjonali mill-fondi tiegħu għal din l-attivita'.

**4.5** Dwar it-talba ta' Kirsten Miller mill-Ministeru tal-Finanzi għad-deċiżżjoni tal-Kunsill rigward fejn jixtieq li jarma s-suq ta' fost il-ġimgħa, il-Kunsill qabel li jitlob laqgħa mal-UHM, il-GRTU u l-Ministru Tonio Fenech qabel ma jasal għal din id-deċiżżjoni.

**4.6** Il-Kunsill qabel unanimament li joġġezzjona għall-applikazzjoni ta' "Ix-Xlukkajr" sabiex ikabbar l-area fejn jarma b'imwejjed u siġġijiet u li jressaq din l-area sabiex tkun aktar fiċ-ċentru tal-Pjazza l-Madonna ta' Pompei. Dan għaliex il-Kunsill kien tal-opinjoni li dan kien se jokkupa area kbira wisq tal-Pjazza. Il-Kunsill xtaq iżid fit-tweġiba tiegħu li waħda mill-kundizzjonijiet tal-permess għall-imwejjed u siġġijiet kellha tkun li l-Kunsill Lokali jkollu d-dritt li jitlob lil min għandu dan it-tip ta' permess li ma jarmax f'ċertu ġranet meta tkun se ssir attivita' fil-Pjazza.

## 5. <u>Kommunikazzjonijiet tas-Sindku</u>

**5.1** Dwar is-suq ta' nhar ta' Ħadd ta' Marsaxlokk, il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jikteb lill-Ministru Tonio Fenech u jinfurmah li l-Kunsill ma riedx jieħu r-responsabbilta' tat- tmexxija tas-suq u li ma kienx se jaċċetta din ir-responsabbilta' sakemm ma jinbidilx il-ħin li jżarma s-suq. Il-Kunsill xtaq li l-bejjiegħa jkunu żarmaw u telqu sas-2.00 p.m. Il-Kunsill ukoll ma jaċċettax li l-ispejjeż tar-rassenja tal-bejjiegħa jaqgħu kollha fuqu peress li l-Kunsill m'għandux qliegħ mis-suq. Il-lista tal-bejjiegħa ma kienetx se tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern sakemm ma jigux indirizzati dawn l-affarjiet.

**5.2** Il-Kunsill approva unanimanent l-*appraisal report* tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena Jannar – Diċembru 2010. Il-Kunsill qabel li jirrakkomanda lid-Direttur, Gvern Lokali li s-Segretarju Eżekuttiv jitħallas *Performance Bonus* ta' 10% tas-salarju tiegħu.

## 6. <u>Ħlas għas-Sħubija fil-GAL Xlokk</u>

**6.1** Indirizzaw lill-Kunsill is-Sur Silvio Schembri, Manager GAL Xlokk, u s-Sur Mario Salerno, Sindku ta' Ħal Kirkop, dwar il-benefiċċji tas-sħubija fil-GAL Xlokk, fosthom, li l-Kunsill ikun jista' japplika għal diversi fondi għal proġetti fil-lokalita'.

**6.2** Il-Viċi-Sindku, issekondat mill-Kunsillier Pomroy, ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill jissieħeb fil-GAL Xlokk u li japprova l-ħlas ta' €5000 għal din is-sħubija. Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

## 7. <u>Evalwazzjoni u Aġġudikazzjoni tal-Offerti għall-Kuntratt ta' *Construction and Resurfacing Works* f'parti minn Triq iż-Żejtun, f'parti minn Triq San Ġużepp, f'parti minn Xatt is-Sajjieda u f'parti minn Triq il-Wilġa u *Stormwater Crossing* f'Triq l-Imriekeb</u>

**7.1** Il-Kunsill kien irċieva sitt offerti. Dawn kienu :

Philip Agius & Sons Ltd - €89,910.90
Polidano Brothers Limited - €92,686.30
Bonnici Group - €102,512.20
Alfred Schembri & Sons Ltd - €72,303.05
Peter Plant Ltd - €100,000.00
Asfaltar Construction Limited - €93,527.00

Dawn il-kuntratturi kienu wkoll aċċettaw li jitħallsu €69,141.65 għal xogħlijiet oħra in konnessjoni ma' xogħlijiet ta' tħaffir ta' trinek u tqegħid ta' *water mains, house connections* u *rising main,* eċċ. Dawn ix-xogħlijiet se jitħallsu mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma minbarra somma ta' €2,563.09 li għanda titħallas mill-Kunsill.

**7.2** Il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta l-offerta ta' Alfred Schembri & Sons peress li din kienet l-orħos offerta u għaliex dan il-kuntrattur kien ħadem qabel f'Marsaxlokk u l-Kunsill kien sodisfatt bix-xogħol li kien wettaq.

**8.** **<u>Proġetti mill-Fondi tal-UIF</u>**

**8.1** Il-Kunsill qabel unanimament li japplika għal somma ta' madwar €60,000 mill-fondi tal-UIF sabiex issir funtana fil-Pjazza l-Madonna ta' Pompei.

**9.** **<u>Approvazzjoni ta' Ħlasijiet</u>**

**9.1** Il-Kunsillier Grech, issekondat mill-Viċi-Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati dawn il-ħlasijiet :

| | | **€** |
|---|---|---|
| ARMS Ltd | Dawl u ilma, Uffiċċju stima 22 Ott - 15 Diċ 10 | 295.37 |
| ARMS Ltd | Dawl u ilma, No 1 Winchroom stima 18 Mejju-1 Sett 10 | 195.67 |
| ARMS Ltd | Dawl u ilma, No 2 Winchroom stima 18 Mejju-1 Sett 10 | 165.79 |
| ARMS Ltd | Dawl, No 1 Winchroom attwali 18 Mejju - 1 Sett 10 | 135.81 |
| ARMS Ltd | Ilma, Winchroom attwali 18 Mejju-23 Sett 10 | 85.85 |
| ARMS Ltd | Dawl, Ġnien il-Familja attwali 18 Mejju - 23 Sett 10 | 999.18 |
| Aber's Petshop | 5 X Poinsettias | 27.05 |
| Allied Newspapers | Avviż tat-Tenders | 86.14 |
| Allowances | *Allowances* tal-Membri Diċ '10 | 3400.00 |
| Andrew Vassallo General Trading | *Galvanised trays and self-locking seal* | 91.48 |
| Angelo Bonnici | Tiswijiet tal-Intercom | 28.00 |
| Anġlu Fenech - Fenech Store | *Supplies* tad-tindif u tal-kċina13.09.10 - 05.01.11 | 217.16 |
| Anġlu Grech | Konkos għal tiswija ta' bankina (1040) | 106.20 |
| Anġlu Grech | Konkos għal *base* tal-*Bring-in-sites* (1134) | 276.12 |
| Anġlu Grech | Konkos għal *base* tal-*Bring-in-sites* (1152) | 122.72 |
| Alfred Busietta | South Wales Police Band 10.10.10 | 250.00 |
| Antonio Psaila | Tqassim ta' fuljetti | 85.00 |
| Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali | Laqgħa għas-Sindki 21/22 Jan '10 | 197.00 |
| Avv Luciano Busuttil | Spejjeż dwar kawża fil-Qorti | 365.40 |
| Best Print Co Ltd | Stampar ta' 1500 fuljett tal-Kunsill | 882.00 |
| Bitmac | 20 boroż *Instant Road Repair* | 76.94 |
| Carmel Mifsud | Tindif tax-Xatt wara l-Monti Nov. u Diċ. '10 | 2353.23 |

| | | |
|---|---|---|
| Carmen Scicluna | Ftuħ tal-Librerija Sett-Nov '10 (132 hrs @ €5.83/hr) | 769.56 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel għall-vann 30.12.10 (No 168) | 44.30 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel għall-vann 06.01.11 (N0 177) | 43.31 |
| Caruana Bros Diesel Station | Petrol għall-mutur 10.01.11 (No 178) | 15.00 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel għall-vann 18.01.11 (No 183) | 54.31 |
| Charlo Azzopardi | *Silencer* għall-vann | 59.00 |
| Cleansing Services Dept | Latrini Diċ 10 | 624.83 |
| Commissioner of Inland Revenue | Pending SSC 1998 - 2009 | 13.63 |
| Commissioner of Inland Revenue | SSC (parti mħallsa minn min jimpjega) Diċ '10 | 355.36 |
| Corinthia Marina Hotel | Ikla tal-Milied | 162.75 |
| Data Protection Commissioner | Notification Fee July 2010 - July 2011 | 23.29 |
| E G Trading | Par W*ading Boots* | 55.00 |
| Emanuel Tanti | *Service* tal-vann | 100.00 |
| Environmental Landscapes Consortium | Żamma tal-ġonna Diċ 10 | 1030.75 |
| Frans Camilleri | Ġbir ta' skart mid-dj ar Diċ 10 | 3979.34 |
| Frans Camilleri | Skip, Fortizza tas-Silġ Diċ 10 | 58.23 |
| Frans Camilleri | Ġbir ta' skart mid-dj ar 26 Diċ 10 (extra) | 281.00 |
| GO | 21659555, Diċ 10 | 24.71 |
| GO | 21652525, Diċ 10 | 263.33 |
| GO | 21650937, Diċ 10 | 44.22 |
| G4S | *Cash-in-transit* Diċ 10 | 22.83 |
| Ġemma Cuschieri | Tindif tal-uffiċċju 19 Aww - 30 Diċ '10 (20 X €21) | 420.00 |
| Honoraria | Honoraria tas-Sindku Diċ '10 | 525.03 |
| Image Systems | Tiswijiet tal-photocopier | 110.63 |
| Jason Gauci | Gazzetti Diċ 10 | 87.60 |
| Johanna Caruana | *Accountancy Services* Jan - Diċ 10 | 1680.00 |
| Joseph Cassar | Tqassim ta' fuljetti | 35.00 |
| Joseph Cassar | Mili tal-ġibjun (2 X €46.73) | 93.46 |
| M.G. Pulis | Tiswijiet tal-pompa tal-ilma | 100.09 |
| M.G. Pulis | Tiswijiet tal-pompa tal-ilma | 14.38 |
| Maltapost | Bolol | 76.00 |
| Mary Cachia | Kera tal-Uffiċċju 14 Jan - 13 Apr '11 | 1300.00 |
| Maryrose Discount Store | *Office supplies* | 32.60 |
| media.link | Avviż tat-Tenders | 54.75 |
| Meli Bookshop | Kotba għall-Librerija | 100.00 |
| Miller Distributors | Kotba għall-Librerija | 24.78 |
| Miller Distributors | Kotba għall-Librerija | 237.39 |
| Nature Trust (Malta) | Xrobb l-Għaġin Nature Park Books and Leaflets | 2551.00 |
| Patrick Cellars | Ilma u xorb | 177.50 |
| Petty Cash | Spejjeż tal-*Petty Cash*, 22 Diċ '10 - 19 Jan '11 | 99.20 |
| Roc-a-go | Skip, Tindif tar-Riserva tal-Ballut, 09.01.11 | 59.00 |
| Ronald Bezzina Bulky Refuse Services | Bulky Refuse Nov 10 | 132.24 |
| Ronald Bezzina Bulky Refuse Services | Bulky Refuse Diċ 10 | 85.96 |
| Ronald Bezzina Street Sweeping | Kenniesa Nov 10 | 562.50 |
| Ronald Bezzina Street Sweeping | Kenniesa Diċ 10 | 1781.25 |
| Salarji | Impjegati u Segretarju Eżekuttiv Diċ '10 | 6564.85 |
| St Joseph Ironmongery | 2 x inkwadri | 35.00 |

| | | |
|---|---|---|
| Smart Office Supplies | Stationery | 11.62 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 19.12.10 | 55.44 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 09.01.11 | 47.52 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 13.01.11 | 15.84 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 16.01.11 | 47.52 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 21.11.10 | 55.44 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 28.11.10 | 55.44 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 28.11.10 | 23.76 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 05.12.10 | 55.44 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 05.12.10 | 87.12 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 12.12.10 | 55.44 |
| Sterling Security | Servizz tal-Gwardjani 19.12.10 | 55.44 |
| T.M. Ironmongery | *Supplies* tal-manutenzjoni 17.03.10 - 31.12.10 | 1578.22 |
| Union Print | Avviż tat-Tenders | 62.02 |
| WasteServ | Landfill charges Oct 10 | 1834.83 |
| WasteServ | Landfill charges Nov 10 | 1834.83 |
| | **Total** | **€41282.99** |

**9.2** Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

**10.** <u>**Affarjiet Oħra**</u>

**10.1** Il-Kunsill qabel li jekk kien possibbli, u bi ftehim mal-Kappillan u l-Għaqda Mużikali Pompei, Jum Marsaxlokk din is-sena jsir nhar il-Ħadd, it-8 ta' Mejju 2011.

**11.** Il-laqgħa spiċċat fit-8.15 p.m.

**Stephen Caruana**
**Sindku**
**Data :**

**John Restall**
**Segretarju Eżekuttiv**